MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Numru 847/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt Joseph Mercieca)**
**vs**
**Nagi Hasan Salah Embaruk**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Nagi Hasan Salah Embaruk** ta' 38 sena, bin Hasan u Fatma *nee* Bashir, imwieled Azizia, Libya, nhar il-24 ta' Jannar, 1966, detentur ta' passaport Libjan numru 514137;

Talli fit-2 t'Ottubru, 2004, ghall-habta ta' nofs il-lejl, gewwa l-Bugibba Holiday Complex ta' Triq it-Turisti, Bugibba bil-hsieb li jikkommetti serq minn kamra numru 3327 fl-istess lukanda wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta'

tieghu, w li kienu gie esegwit l-istess serq kien ikun aggravat bil-valur, bil-lok u bil-hin ghad-dannu tal-koppja Millman.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Rat illi l-imputat ma oggezzjonax ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 261, 267, 269, 270, 279, 281 u 41 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali nadifa tieghu;

Tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xur mil-lum, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sena (1) mil-lum skond l-art 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------